MALTA

ATT Nru. XI ta' l-1989

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, Kap. 88.

ACT No. XI of 1989

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, Cap. 88.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

25 ta' April, 1989

ATT Nru. XI ta' l-1989

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, Kap. 88.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, u għadu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, hawnhekk aktar 'il quddiem imsejjħa "il-liġi prinċipali".

Kap. 88.

Emenda ta' l-artikolu 22 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 22 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat billi jiżdiedu, minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:—

"(4) Meta l-akkwist ta' art isir bix-xiri assolut tagħha (inkluż l-akkwist bil-bdil minn użu u pussess jew dominju pubbliku għal proprjetà assoluta), l-awtorità kompetenti tista', f'kull żmien wara l-iskadenza ta' wieħed u għoxrin jum minn notifika ta' l-avviż għall-ftehim rilevanti, tiddepożita fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili somma flus daqs l-ammont ta' kumpens offrut fl-avviż għall-ftehim imsemmi sabiex din tkun tista' tiġi liberament żbankata mill-persuna jew mill-persuni intitolati għal dak il-kumpens wara li jintwera biċ-ċar x'jedd għandhom għalih, u tiġi indikata fiċ-ċedola ta' depożitu l-art li dwarha jkun jittratta l-avviż għall-ftehim u jingħataw dawk il-partikularitajiet dwarha daqstant sabiex din tkun tista' tiġi identifikata:

Iżda meta ammont ta' kumpens differenti jkun inftiehem bejn l-awtorità kompetenti u s-sid jew ikun ġie iffissat mill-Bord, l-ammont ta' kumpens li jkollu jiġi depożitat kif imsemmi qabel ikun dak l-ammont l-ieħor.

(5) L-ammont depożitat kif provdut fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jista' jiġi żbankat kif hemmhekk provdut sew jekk il-kumpens ikun inftiehem jew ġie mod ieħor iffissat sew jekk ma jkunx sar hekk; b'dak il-mod illi meta l-kumpens offrut ma jkunx intlaqa' kif provdut fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, l-iżbank tad-depożitu ma jippreġudikax il-jedd li xi persuna jkollha li tkompli miexja skond kif hemm provdut jew għal kull kumpens aktar li jista' jitħallas skond hekk.

(6) Meta l-awtorità kompetenti tkun iddepożitat il-kumpens offrut jew dovut kif provdut fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, hija tista' f'kull żmien li jiġi wara tinnotifika lir-Reġistratur ta' l-Artijiet b'kopja taċ-ċedola ta' depożitu rilevanti u hekk kif isir dan **l-art li tkun imsemmija f'ċedola ta' depożitu bħal dik għandha** titqies li tkun area dikjarata bħala area ta' reġistrazzjoni għall-finijiet ta' l-Att ta' l-1981 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet.

Att Nru. XXXV ta' l-1981.

(7) Hekk kif tiġi notifikata ċ-ċedola ta' depożitu lir-Reġistratur ta' l-Artijiet kif provdut fis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, il-proprjetà assoluta ta' l-art li tkun tirreferi għaliha għandha, bis-saħħa ta' din l-Ordinanza u mingħajr ebda ħtieġa jew formalità oħra, tiġi trasferita lil u tiġi akkwistata mill-awtorità kompetenti, libera u franka minn kull piż, ipoteka jew privileġġ, u bil-pertinenzi kollha tagħha: u l-awtorità kompetenti għandha taġixxi biex dak it-trasferiment ta' titolu jkun reġistrat fir-Reġistru ta' l-Artijiet skond l-Att imsemmi.

(8) Il-jedd għall-iżbank tal-kumpens depożitat skond is-subartiolu (4) ta' dan l-artikolu u għal kull kumpens aktar li jista' jkun dovut skond din l-Ordinanza għandu jitqies bħala jedd immobbli minħabba l-ħaġa li għandu x'jaqsam magħha u għandu jkun trasferibbli skond hekk; u kull piż, ipoteka jew privileġġ li qabel l-akkwist ta' l-art mill-awtorità kompetenti kienu mgħaqqda ma' dik l-art jibqgħu ikunu mgħaqqdin mal-kumpens bl-istess gradwazzjoni u preferenza li kellhom mgħaqqdin ma' l-art.

(9) Meta l-Kumpens li għandu jitħallas dwar art akkwistata bix-xiri assolut tagħha jkun ġie iffissat, sew bi ftehim jew b'deċiżjoni tal-Bord, wara li t-titolu għal dik l-art ikun ġja ġie akkwistat mill-awtorità kompetenti skond id-dispożizzjonijiet imsemmija qabel ta' dan l-artikolu, l-ammont ta' kumpens, jekk ikun hemm, li jkun għadu dovut minn dik l-awtorità għandu, flief jekk ikun qabel ġie mħallas lis-sid, jiġi depożitat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data meta l-kumpens dovut kien ġie ffissat kif imsemmi qabel, sabiex jiġi liberament żbankat mill-

persuna jew persuni intitolati għal dak il-kumpens wara li jintwera bić-ċar x'jedd għandhom għalih.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 227 tad-19 ta' April, 1989.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati